

Suġġett

Talba għall-annullament tal-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 1870 finali, tas-27 ta' Marzu 2013, dwar tnaqqis tal-ghajmuna tal-Fond ta' Koeżjoni mogħtija lir-Repubblika Portugiża għall-proġett "Żvilupp tal-infrastrutturi portwarji tar-Reġjun Awtonomu ta' Madeira – Port ta' Caniçal", Madeira (il-Portugall).

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 1870 finali, tas-27 ta' Marzu 2013, dwar tnaqqis tal-ghajmuna tal-Fond ta' Koeżjoni mogħtija lir-Repubblika Portugiża għall-proġett "Żvilupp tal-infrastrutturi portwarji tar-Reġjun Awtonomu ta' Madeira – Port ta' Caniçal", Madeira (il-Portugall), hija annullata.*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 226, 03.08.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2015 – Westermann Lernspielverlag vs UASI – Diset (bambinoLÜK)

(Kawża T-333/13) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva bambinoLÜK — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti BAMBINO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2015/C 302/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Westermann Lernspielverlag GmbH (Braunschweig, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Nordemann u M. Maier, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Diset, SA (Barcelona, Spanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' April 2013 (Każ R 1323/2012-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Diset, SA u Westermann Lernspielverlag GmbH.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Westermann Lernspielverlag GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 252, 31.8.2013.